MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. ABIGAIL LOFARO

Seduta tat-3 ta' Dicembru, 2002

Numru. 78/2001

Il-Pulizija
(Spettur Ivan Portelli)
vs
George Spiteri

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-pulizija kontra l-imputat fuq imsemmi George Spiteri, iben Carmelo u Catherine nee' Galea, imwieled fit-3 ta' Novembru, 1971 u detentur tal-karta tal-idenita 500571M, li permezz taghhom huwa gie akkuzat talli nhar l-1 ta' Ottubru 2000, ghal habta tas-14.30 hrs ta' ware nofs inhar, fi Triq Stefano Zerafa, Marsa, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg ta' haddiehor u cioe' il-faccata tal-fond numru 106, Triq Stefano Zerafa, Marsa, propjeta ta' Paolina Scicluna, liema hsara tammonta bejn Lm50 u LM100. Dan bi ksur tal-Artikolu 325(b) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Ukoll talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi kiser il-bon ordni u l-paci pubblika b'ghajjat u glied, qal kliem oxxen u dagha fil-pubbliku u aktar insulenta, hedded u immolesta bi kliem lil Josephine Spiteri (ID: 423873M). Dan bi ksur tal-Artikoli 338(bb),(dd), 339(e) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u semghet lill-imputat fuq imsemmi iwiegeb illi ma kellux oggezzjoni illi l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja;

Semghet lix-xhieda illi gew prodotti;

Rat il-provi li tressqu, d-dokumenti esebiti u l-atti ta' dan il-procediment;

Semghet it-trattazzjoni tal-Prosekuzzjoni u tad-difiza;

Ikkunsidrat :

Illi irrizulta mill-provi prodotti illi l-imputat fuq imsemmi, li huwa separat minn martu, fil-jum in kwistjoni kellu jirritorna lit-tifla lura ghand martu wara illi kellu l-access ghaliha. Kien hemm xi disgwid dwar il-hin ta' meta kellu l-imputat jirritorna lill-bintu ghand ommha, inqala xi inkwiet u sussegwentement meta l-pulizija accedew fil-fond tal-mara tal-imputat sabu l-faccata tal-bieba imkissra u r-rixtellu, il-grada u xi madum ukoll imkissra.

Illi skond PC632 Michael Galdes, illi acceda fuq il-post fejn tirresjedi mart l-imputat huwa ra l-grada imkissra u ra illi fil-faccata tad-dar kien hemm xi gebel maqlugh. Ra ukoll sinjali ta' sgass tal-bieb tar-residenza.

Illi oht il-mara tal-imputat xehdet illi kien inqala disgwid bejn in-neputija tieghu u bejn l-imputat dwar il-hin meta l-imputat kellu jirritorna lit-tifla d-dar. Hija kompliet tixhed li l-imputat kien gie wara l-bieb, hija ma kienitx barra u ma tafx x'intqal u semghet lill-imputat u lil bintha jitkellmu jghajjtu u taf illi l-imputat beda issabbat, kissrilha il-grada

ta’ barra u xi erba’ madumiet minn mal-hajt. Hija xehdet illi bhala spejjez kienet wehhlet xi haga ‘il fuq minn sittin lira (LM60).

Illi xehdet mart l-imputat u ikkonfermat illi kien inqala l-inkwiet mal-imputat minhabba l-hin illi l-imputat kellu jirritorna lill-bintu d-dar. Hija kompliet tixhed illi l-imputat gie wara l-bieb tad-dar fejn hija toqghod ma ommha u beda jargumenta maghha u hija ghalqet il-bieb. L-imputat beda jghajjat u jitkellem fil-vojt u umbaghad beda ikisser u ried jipprova jidhol ghaliha. Hija kompliet tixhed li beda joffendiha b’missierha. Pero’ umbaghad qalet “Jiena dak il-hin ma bdejt nisma xejn, jew hekk jew inkella insejt.”

Illi xehdet Mary Sciberras iz-zija ta’ mart l-imputat u qalet illi darba minnhom kienet ghand ohtha, semghet l-istorbju u semghet lill-imputat li kien qed jaghmel l-istorbju u taf ukoll li beda ikisser il-bieb. Hija xehdet illi ratu b’ghajnejha peress illi kisser bicca mill-bieb ta’ ohtha. Qala ukoll il-madum u kisser il-grada. Hija kompliet tixhed illi huma bdew izommu l-bieb biex hu ma jisfrundahx u hija kienet fuq gewwa qeghda izomm il-bieb. Skond ix-xhud la semghet dagha, u lanqas insulti jew theddid.

Illi xehdet Catherine Spiteri, omm l-imputat. Hija xehdet dwar il-fatt illi dakinhar l-imputat kien ra lit-tifla tieghu u meta irritorna lit-tifla d-dar mart l-imputat qabdet lit-tifla minn idejha, dahlitha tigri ‘il gewwa u sabtitilha l-bieb. Ix-xhud qalet illi kull ma ghamel binha kien illi issossa tnejn mal-grada u l-grada giet f’idejh u l-bieb ta’ barra ma messux. Ix-xhud qalet ukoll illi l-ohrajn kellhom xi tieqa u bdew jghajjruhom mill-bieb.

Illi xehed l-imputat fuq imsemmi minn jeddu u bil-gurament u qal illi dakinhar li inqala l-incident huwa kien ghadu kif kellu access ghat-tifla tieghu. Wara s-saghtejn ha lit-tifla ghand ommha, pero’ ghall-habta tas-saghtejn neqsin kwart skond l-imputat cemplitlu martu fuq il-mobile u bdiet tidghi kemm tiflah u tghajjat u umbaghad qatghatlu t-telephone. L-imputat xehed illi mar iwassal lit-tifla, martu kienet qeghda tistennih barra. Umbaghad martu harset lejn it-tifla taghhom u qaltilha “Inti qeghda tiggennen” u

dak il-hin bdiet tghajjat.  L-imputat kompla jixhed illi martu qaltlu illi t-tifla kienet mignuna ghaliex tixbah lilu u lil raztu. Qabdet lit-tifla minn dirghajha u dahlitha ‘il gewwa.  Sa dan it-tant, skond l-imputat huwa kien ghadu quddiem il-bieb tal-mara, quddiem il-grada.  Kif dahlet il-mara gewwa huwa kien ghadu hemm.  Umbaghad, dejjem skond l-imputat, omm u z-zija ta’ martu fethu l-purtella ta’ wara l-bieb u qabdu jwerzqu u jghajjtu u bdew jghidu “iva t-tifla mignuna ghax tixbah lilek u lil razza tieghek.”  Dak il-hin l-imputat li kellu lil ommu tistennih fil-karozza issussa ftit il-grada li baqghet hierga ‘il barra.  Peress illi l-bankina hija gholja huwa tilef il-bilanc u telaq il-grada minn idejh ghaliex kien ser jaqa ghal darhu.  Sa dan it-tant l-imputat qal illi martu harget mill-gallarija u bdiet twerzaq u tghajjat u bdiet toffendih. Huwa ma tkellem xejn, baxxa rasu u telaq ‘l hemm. L-imputat xehed illi huwa lejn il-bieb ta’ barra ma resaqx u ma setghax jaghmel hekk minhabba l-grada.  L-imputat xehed illi meta mess il-grada l-hsara li saret kienet illi inkissru zewg hgigiet zghar tal-grada u waqghu zewg gebliet li kienu minn dawk tal-fil tar-rotin li kienu mad-dawra tal-koxxa tal-grada.  Huwa xehed illi ma jidhirlux li kien hemm xi madum, jew xi granit u iddikjara li kien dispost li jaghmel tajjeb ghall-hsarat kollha li ikkaguna u dana b’referenza ghal gebel tar-rotin u ghall-hgigiet tal-grada.

Illi l-imputat cahad illi ghajjar jew hedded lil martu u cahad illi kien issossa l-grada sabiex jipprova jidhol fil-fond.

Ikkunsidrat :

Illi kif issottomettiet tajjeb id-difiza, ma giex ippruvat sal-grad rikjest mil-Ligi illi l-hsarat ikkagunati mill-imputat kienu jeccedu l-hamsin lira u dana peress illi l-ircevuti esebiti mill-Prosekuzzjoni ma gew bl-ebda mod ikkonfermati minn terzi persuni u ghaldaqstant il-Qorti sejra issib lill-imputat hati, fuq ammissjoni tieghu stess fix-xhieda illi ta quddiem il-Qorti ta’ hsara volontarja, liema hsara volontarja pero’ ma teccedix il-hamsin lira u dan ai termini tal-Artikolu 325 (1) (c) tal-Kap. 9 u dan fir-rigward tal-ewwel imputazzjoni.

Illi fir-rigward tat-tieni imputazzjoni, dik illi l-imputat kiser il-buon ordni u l-paci pubblika b'ghajjat u glied u qal kliem oxxen u dagha fil-pubbliku u illi insulenta, hedded u immolesta bi kliem lill-martu, fuq konflitt car ta' provi il-Qorti qeghda tillibera lill-imputat mit-tieni imputazzjoni dedotta kontra tieghu.

Illi ghal dak illi jirrigwarda il-piena l-Qorti qieset il-fatt illi dan kien incident "de minimis". Ikkunsidrat ukoll il-fatt illi l-imputat ma ghandux xi fedina penali allarmanti u ikkonsidrat ukoll il-fatt illi mart l-imputat ukoll bdiet tghajjru u tinsulentah. Il-Qorti ikkunsidrat ukoll il-fatt illi l-imputat iddikjara volontarjament fix-xhieda tieghu illi huwa dispost illi jhallas il-hsarat illi ikkaguna u dana b'referenza ghall-hgigiet tal-grada u ghal gebel tar-rotin. Ghaldaqstant, wara li l-Qorti rat ukoll l-Artikolu 9 tal-Kap. 152, filwaqt illi tillibera lill-imputat tobbligah illi ma jaghmel l-ebda reat iehor fi zmien tlett xhur mil-lum.

Il-Qorti tiddikjara ghal kull buon fini illi hija spjegat lill-hati fi kliem car bir-responsabbilta tieghu skond il-Ligi jekk huwa jikkommetti reat iehor matul dan il-perjodu ta' liberazzjoni taht kundizzjoni.

-------------------------------TMIEM-------------------------------